**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 3 ta' Novembru, 2020

**Il- Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**-vs-**

**Paul Pisani detentur tal-karta tal-identita` numru 29756M**

*Kumpilazzjoni Nru.* **1294/2010**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Pisani u ċioè talli:

Fil-kapacita` tieghu bhala direttur tas-segwenti kumpaniji: Invest BG Limited bin-numru ta' registrazzjoni C38756, Zanzara Company Limited bin-numru ta' registrazzjoni C34881, JOT Company Limited bin-numru ta'registrazzjoni C36165, Sandringham Limited bin-numru ta' registrazzjoni C45819, Tal-Markiza Company Limited bin-numru ta' registrazzjoni C39130,

fis-sena 2009 u fix-xhur u snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rioluzzjoni wahda-

1. Approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, u cioe' somma flus li l-valur jeccedi s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329,37), liema flus gew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema flus kienu fdati lejh minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu fi hdan il-kumpanija Invest BG Limited u jew kumpaniji ohra fejn ghandom interess jew ishma l-istess diretturi u jew azzjonisti tal-kumpanija Invest BG Limited;

2. Talli fi-istess lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329,37) ghad-dannu ta' terzi kif ukoll ta' azzjonisti u diretturi tal-kumpanija Invest BG Limited u kumpaniji ohra fejn ghandhom interess jew ishma l-istess diretturi u jew azzjonisti tal-kumpanija Invest BG Limited.

3. Approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, u cioe' somma flus li l-valur jeccedi s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329,37), liema flus gew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema flus kienu fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu fi hdan il-kumpaniji JOT Company Limited, Sandringham Limited u Tal-Markiza Company Limited.

4. Talli fl-istess lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329,37) ghad-dannu ta' terzi kif ukoll ta' JOT Company Limited, Sandringhamn Limited, u Tal-Markiza Company Limited u l-azzjonisti taghhom;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kas ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta'l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tallum, il-prosekuzzjoni iddikjarat li l-imputazzjonijiet numri 1 u 2 kif ukoll l-imputazzjonijiet numri 3 u 4 huma imputazzjonijiet alternattivi ghal xulxin.

Semghet lill-istess prosekuzzjoni tiddikjara li l-fattispecie ta' dan il-kaz jinkwadraw fir-reati t' approprijazzjoni indebita (kif ravvizati fl-imputazzjonijiet numru 1 u 3) u mhux f'dak ta' frodi (ravvizati bl-imputazzjonijiet numru 2 u 4).

Rat kif wara din id-dikjarazzjoni maghmula mill-prosekuzzjoni, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet numru 1 u numru 3.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet numru 1 u 3, u cioe` dawk dwar approprijazzjoni indebita, migjuba fil-konfront tieghu w ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Tenut kont tad-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni maghmulha llum *seduta stante*, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet dwar frodi, u cioe` l-imputazzjonijiet numru 2 u 4.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-fedina penali tal-imputat u tal-ammissjoni tieghu li ma jistax jinghad li saret f'xi stadju bikri.

Ittiehed konsiderazzjoni tad-dikjarazzjonijiet maghmula mill-partijiet lezi li galadarba huma gew rizarciti, ma baqalghom l-ebda pretensjoni kontra l-imputat u lanqas ma ghandhom interess ulterjuri f'dawn il-proceduri. Inghata piz konsiderevoli lid-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni w dik tad-difensur tal-partijiet lezi u cioe` li mhux jinsistu ghall-piena karcerarja.

Il-Qorti qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u senjatament li dan il-kaz jirrisali ghal 2009 u s-snin ta' qabel, fejn il-proceduri odjerni inbdew fl-2010.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[1]
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu……
>
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[2]
>
> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;....[3] [sottolinejar tal-Qorti]

Imbghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat *funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:[4]

[1] **Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Dec. 28.11.2006.

[2] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Dec. 22.09.2009.

[3] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Dec. 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[4] Per S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano, Deciza 13 ta' Novembru, 2009; Appell Kriminali Numru. 328/2009

**8.** Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Wood** din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement,[5] kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali[6]. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A,[7] li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza[8] u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati). Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing**[9] *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered."* Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' **Anthony Wood**) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).

---

5 Id-disposizzjonijiet taghna dwar is-sentenza ta' prigunerija sospiza huma mudellati fuq il-ligi Ingliza, ligi, li ghandu jinghad, illum tbiddlet hafna mill-mudell li fuqu bbaza ruhu l-legislatur Malti.

6 **Il-Pulizija v. Joseph Said**, App. Krim. 26/11/1992.

7 28A(2): *"Qorti ma ghandhiex titratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgha li tissospendi dik is-sentenza…"* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

8 Ara wkoll ***R. v. O'Keefe*** (1969) 2 QB 29; [1969] 1 All ER 426.

9 **Cambridge Studies in Criminology,** Heinemann (London) 1979, pp. 244-245.

**9.** Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina apprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi *blog* fuq l-*internet* biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** [10]:

> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."**

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza, hi l-fehma ta' din il-Qorti li ghalkemm l-agir tal-imputati jibqa' wiehed inaccettabbli, ma hux wiehed li jimmerita piena karcerarja effettiva.

Tenut kont tar-rizarciment li sar mal-partijiet lezi, maghdud mal-fatt li l-imputat mhux xi persuna li jipprezenta riskju ghas-socjeta`, liema socjeta` mhu ser tibbenefika xejn mill-inkarcerazzjoni potenzjali tieghu, tqis li ghandha tinghata sentenza sospiza fil-massimu. Dan il-fatt wahdu ghandu jservi ta' deterrent qawwi li jikkondizzjona l-ghemil tal-imputat fl-erba' snin li gejjin.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tar-raba imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 293, 294 u 310(1)(a)[11] tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-

---

[10] (1974) 60 Cr. App. R. 74.

[11] Qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 il-piena ghal dan ir-reat kienet dik ta' prigunerija ta' bejn tlettx il-xahar u seba snin

imputat hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni, u tikkundannah **sentejn (2) prigunerija** li, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, qed jigu sospizi ghall-erba (4) snin millum.

In vista li l-partijiet lezi gew rizarciti w kumpensati mill-imputat fil-mori ta' dawn il-proceduri, mhux qed isir ordni ta' konfiska ai termini tal-artikolu 23B tal-Kodici Kriminali.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' **€10,939.65** rapprezentanti terz tal-ispejjez peritali.[12]

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[12] Din il-komputazzjoni tirrigwarda l-ispejjez tal-Perit Legali Dr. Anthony Cutajar (€1,558.65) u dawk tal-Perit Tekniku Dr. Renald Micallef (€9,381)